**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 125/2016**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**vs**

**Brian Cascun (K.I. 182071M)**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors promotur tar-rikorrent fejn qal:

> "Illi permezz tal-ittra ufficjali fuq riferita s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited (C46054) iddikjarat permezz ta' dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra ufficjali bhala Dokument A illi l-esponenti huwa debitur taghha fis-somma ta' €4,796.66 ammont cert, likwidu u dovut rapprezentanti arretrati

fuq konsum ta' dawl u ilma u kiri ta' meters fuq il-fond bl-indirizz 118, Triq Luqa Briffa, il-Gzira, kont numru 10100089950.

Illi permezz tal-preżenti, l-esponenti qieghed jopponi l-pretensjoni vantata mis-socjeta' attrici fil-konfront tieghu bl-ittra ufficjali fl-ismijiet hawn fuq premessi, u dan a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12.

Illi mhux talli dan l-ammont mhux dovut mill-esponenti kif iddikjara bil-gurament Reuben Bonnici f'isem Automated Revenue Management Services Limited (C46054) permezz ta' dikjarazzjoni guramentata tieghu tat-18 ta' Mejju 2016 izda talli mill-kalkoli li ghamel l-esponenti bejn l-ammonti minnu mhallsa akkont matul dawn l-ahhar snin u mill-konsum irregistrat fuq il-fond in kwistjoni li gie kkalkolat fuq estimate minn zmien ghal zmien, il-probbabilta hija illi l-esponenti jew hallas iktar milli kellu jaghti jew ghandu jaghti ferm inqas minn dak li qed tippretendi Automated Revenue Management Services Limited (C46054) kollok kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghaldaqstant it-talbiet ta' Automated Revenue Management Services Limited (C46054) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra Automated Revenue Management Services Limited (C46054), li hija minn issa ingunt ghas-subizzjoni taghha."

Rat ukoll ir-risposta tas-socjeta esponenti li tghid hekk:

"1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited ipprezentat l-ittra ufficjali promotorja f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta

pls u l-Korporazzjoni ghas-servizz tal-ilma u ghalhekk fl-okkju ta’ din il-procedura ghandha tigi indikata bhala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe.

2. Illi l-ammont pretiz, ara prospett hawn anness ummarkat bhala Dok “ARMS 1”, indikat fl-ittra ufficjali ntavolata ai termini tal-Art 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ malta kontra l-imsemmi Brian Cascun huwa bbazat fuq qari attwali tal-meters li jinsabu fil-fond 118 Triq Luqa Briffa, Gzira u dan kif jidher fl-anness kopja tal-kont li qed jigi mmarkat bhala Dok “ARMS 2” u ghalhekk dak premess mir-rikorrenti Brian Cascun ma jregix.

3. Illi ghaldaqstant u b’rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta’ din il-Qorti, is-socjeta esponenti hija tal-fehma li din l-istess Qorti ghanda tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1253/16 pprezentata ai termini tal-Art 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala titolu ezekuttiv fl-ammont ta’ €4,796.66 kontra l-imsemmi Brian Cascun.”

**It-talba fil-qosor**

Illi s-soċjeta’ Automated Revenue Management Services Ltd iddikjarat illi r-rikorrenti Brian Cascun huwa d-debitur tagħha fis-somma ta’ €4,796.66c rappreżentanti arretrati fuq konsum ta’ dawl u ilma u kiri ta’ meters fuq il-fond bl-indirizz 118, Triq Luqa Briffa, il-Gżira, kont numru 10100089950. Illi r-rikorrenti Brian Cascun jopponi din il-

pretensjoni tas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Ltd, u jgħid li mhux talli dan l-ammont mhux dovut iżda talli mill-kalkoli tiegħu bejn l-ammonti minnu mħallsa akkont matul dawn l-aħħar snin u mill-konsum irreġistrat fuq il-fond in kwistjoni li ġie ikkalkolat fuq stima, il-probabilita' hija illi huwa ħallas iktar milli kellu jagħti jew għandu jagħti ferm inqas minn dak li tippretendi s-soċjeta' Automated Revenue Management Services Ltd.

**L-eccezzjonijiet tar-rikorrenti intimata**

Is-soċjeta intimata Automated Revenue Management Services Ltd tirrispondi illi hija kellha tiġi indikata fl-okkju bħala Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe għaliex hija ippreżentat l-ittra uffiċjali f'isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma; Illi l-ammont pretiż, Dok ARMS 1, a folio 8 tal-proċess, huwa bbażat fuq qari attwali tal-meters li jinsabu fil-fond 118, Triq Luqa Briffa, Gzira, kif jidher fil-kont, Dok ARMS 2, a folio 12 tal-proċess. Għaldaqstant is-soċjeta' intimata tgħid li l-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Provi**

**Reuben Bonnici**, a folio 15 tal-proċess, ippreżenta l-aħħar kont maħruġ mis-soċjeta' intimata sad-29 ta' Awwissu 2016 li huwa stima, fl-ammont ta' €5,106.42c, Dok. RB 1, a folio 17 tal-proċess. Ippreżenta ukoll kont attwali li jkopri il-perjodu sat-22 ta' Frar 2016 fl-ammont ta' €4,776.20c, Dok. RB2 , a folio 19 tal-proċess. Ippreżenta ukoll prospett, Dok. RB 3 li juri l-bilanċ dovut (Dok. RB 3, a folio 21 tal-proċess).

Illi s-soċjeta intimata ippreżentat kopja tal-ittra uffiċjali maħruġa minnha fil-konfront tal-intimat, a folio 27 tal-proċess.

A folio 30 tal-proċess, ippreżenta kont, Dok. RB 1, a folio 36 tal-proċess. Reġa ippreżenta l-prospett li juri l-bilanċ dovut, a folio 40 tal-proċess u xehed illi mill-ammont reklamat ma sarux pagamenti. Xehed illi kien hemm kont ieħor li ukoll kien jgħajjat lir-rikorrent Brian Cascun illi kien ingħalaq, kont numru 1402 Triq il-Kanun, Santa Venera, u li nfetaħ kont fuq terz.

A folio 47 tal-proċess**,** xehed illi l-ammonti indikati *transfer open item* (fuq RB3, a folio 40 u 41 tal-proċess) huma trasferiti minn fuq kont ieħor li kellu Brian Cascun f'402, Cannon Road, Santa Venera. Huwa ppreżenta rendikont tal-kont l-ieħor tal-ammont li ġie trasferit f'din il-kawża (Dok. RB 4, a folio 54 tal-proċess) li huwa l-kont minn fejn ġie l-ammont mitlub fil-kawża preżenti. Ippreżenta ukoll *statement*, Dok. RB 5, a folio 55 tal-proċess.

Reġa xehed, a folio 69 tal-proċess illi l-kont ta' Santa Venera kien ingħalaq u l-ammonti dovuti tpoġġew fuq il-kont tal-Gżira. Ippreżenta ukoll statements tal-post ta' Santa Venera (Dok. RB 7).

A folio 79 ippreżenta l-istatement relatat mal-kont ta' Santa Venera. Dak il-kont ingħalaq u l-meter ġie trasferit fuq persuna oħra. L-ammont li kien dovut fuq dak il-kont ġie trasferit fuq il-kont li huwa l-mertu ta' din il-kawża. Ippreżenta ukoll formola biex il-kont inqaleb (Dok. RB 13, a folio 95 tal-proċess minn fuq Brian Cascun għal fuq Keith Pace.

**Brian Cascun**, a folio 106 tal-proċess, xehed illi l-arloġġ ta' Santa Venera inqaleb fuq isem il-kerrej Keith Pace u li kien ġie *cleared.* Xehed illi l-Gzira huwa qiegħed bla dawl. Ikkonferma illi huwa kien iffirma l-ftehim, a folio 75 tal-proċess.

**Punti saljenti kif jirriżultaw mit-trattazzjoni orali ta' Brian Cascun.**

Jibda sabiex jingħad dwar l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Ltd illi hija fl-okkju kellha tiġi indikata bħala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe Din l-iżvista pero', li ma ħolqot ebda preġudizzju kwalsiasi lis-soċjeta' Automated Revenue Managemenet Services Limited, li ġiet notifikata u li irrispondiet għar-rikors tar-rikorrenti, ma għandu jkollha ebda effett fuq dawn il-proċeduri odjerni.

Dwar il-mertu jingħad illi apparti l-kont fuq il-fond indikat fl-ittra uffiċjali, u ċioe' 118, Luqa Briffa, Gzira, ir-rikorrent kellu kont ieħor fuq fond ieħor, liema fond huwa garaxx, bin-numru 408, ġewwa Santa Venera. Skont ir-rikorrenti, fuq dan il-fond kien qed jiġi ġġenerat biss iċ-*charge* tal-kiri *tal-meters* għax dan kellu l-provvista tad-dawl maqtugħ. Huwa ddeċieda li kien ser jibda jikri dan il-garaxx u ftiehem mal-ARMS li kien ser jissalda l-kontijiet li kien hemm fuq dan il-fond. Il-kont inqaleb għal fuq isem l-inkwilin li minn dak il-mument baqa' jħallas il-kontijiet huwa, pero kien għad fadal bilanċ fuq il-garaxx ta' Santa Venera. Is-soċjeta ARMS qabdet dak il-bilanċ u trasferithom fuq il-kont l-ieħor ta' Brian Cascun, fuq il-fond tal-Gżira, liema trasferiment, skond ir-rikorrenti, sar mingħajr il-kunsens tiegħu. Ir-rikorrenti jgħid ukoll illi hemm dubbju jekk dawn l-ammonti humiex dovuti għaliex dawn l-ammonti jmorru oltre l-ħames snin.

**Punti saljenti kif jirriżultaw mit-trattazzjoni orali tas-soċjeta intimata**

Is-soċjeta' intimata tittratta illi l-ittra uffiċjali ġiet intavolata fuq il-kont tal-Gżira. Meta ġie biex isir it-trasferiment tal-garaxx ta' Santa Venera, il-prassi tas-soċjeta intimata hija illi t-trasferiment ma jsirx b'dejn fuqu u

għahekk l-ammont dovut fuq il-kont ta' Santa Venera ġie trasferit għal fuq il-kont tal-Gzira.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

1. Rigwardanti l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata, jingħad illi kif tajjeb teċepixxi s-soċjeta' intimata, hija kienet ippreżentat l-ittra uffiċjali, a folio 27 tal-proċess, f'isimha proprio u għan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, għalhekk għandha tiġi indikata bħala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe fil-proċeduri odjerni.

2. Bl-ittra uffiċjali, li qiegħed jikkontesta ir-rikorrenti bil-preżenti kawża, is-soċjeta intimata titlob l-ammont ta' erbat elef, seba mija, sitta u disgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4,796.66c) rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u tal-elettriku, kera ta' meter tal-ilma u tal-elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont relatat mal-kont 101000089950 li huwa l-fond tal-Gżira.

3. Jirriżulta pero' mill-atti illi l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali, a folio 27 tal-proċess, jinkludi ammont li kien dovut fuq kont ieħor li kien reġistrat għal xi żmien f'isem ir-rikorrenti, liema kont kien jirrigwarda l-fond garaxx f'Cannon Road, Sta Venera.

4. Jirriżulta ukoll illi l-partijiet f'din il-kawża kienu laħqu ftehim sabiex il-kont fuq l-indirizz ġewwa il-Gzira (il-fond bl-indirizz 118, Triq Luqa Briffa Gżira) kif ukoll il-kont fuq l-indirizz f'Santa Venera (il-garaxx, f'Cannon Road, Sta Venera) jitħallsu

bil-modalita indikata f'dak il-ftehim (Dok. RB 6, a folio 75 tal-proċess).

5. Ġara illi l-fond garaxx ta' Santa Venera kien inkera (a folio 99 tal-proċess) u *l-meter* ta' dak il-post kien inqaleb minn fuq isem ir-rikorrent Brian Cascun għal fuq l-inkwilin tiegħu (Dok. RB 13, a folio 95 tal-proċess).

6. Bl-ittra uffiċjali (a folio 27 tal-proċess), is-soċjeta intimata tfittex mingħand ir-rikorrent il-bilanċ li kien dovut fuq il-garaxx ta' Santa Venera, liema bilanċ hija trasferiet fuq il-kont tal-Gzira. A folio 72 tal-proċess, ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata xehed hekk *fuq ta' Santa Venera l-kont ġie magħluq, pero' l-ammonti li kien hemm dovuti ġew trasferiti għal fuq il-kont tal-Gżira*.

7. Ir-rikorrent jgħid li dan it-trasferiment sar mingħar il-kunsens tiegħu. Is-soċjeta' intimata tissottometti illi fil-ftehim a folio 75 l-intimat ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment. Din il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta intimata ma għandhiex raġun għaliex il-ftehim (Dok. RB 6, a folio 75 tal-proċess) huwa ftehim dwar kif kellhom jitħallsu l-kontijiet tar-rikorrenti mas-soċjeta' intimata, iżda ma kienx ftehim li permezz tiegħu ir-rikorrent ta l-kunsens tiegħu illi l-bilanċ dovut fuq il-kont fuq Santa Venera jiġi trasferit fuq il-kont tal-Gżira. Fil-fatt, kliem ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata stess, a folio 70 tal-proċess "*konna ftehma biex iħallas dawk iż-żewġ kontijiet f'daqqa.*"

8. Is-soċjeta intimate, a folio 115 tal-proċess, tissottometti illi t-trasferiment tal-post ta' Santa Venera ma setax isir jekk ikun hemm dejn fuq il-kont, u li l-prassi hija li l-kont jiġi trasferit jekk ma jkunx hemm bilanċ dovut fuqut. Pero' jibqa l-fatt illi lil din

il-Qorti il-kusnens tar-rikorrent sabiex isir dan it-trasferiment tal-bilanċ mill-garaxx ta' Santa Venera għal fuq il-fond tal-Gżira ma jirriżultalhiex mill-atti. Is-soċjeta' intimata ma ġabet ebda prova fir-rigward, u jingħad illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimate, a folio 71 tal-proċess xehed hekk "*bħala informazzjoni ma għandix a bażi ta' xhiex mexxejna kollox fuq il-Gżira.*"

9. Meta mistoqsi dwar dokument RB3 (a folio 40 tal-proċess), Reuben Bonnici mis-soċjeta' intimata, a folio 49 tal-proċess, xehed hekk "*Xhud: Mela dawn kien hemm ammont naħseb diġa kont ippreżentajt kopja tal-istatments li ġew trasferiti minn fuq kont ieħor li kellu s-Sur Cascun fuq ismu.*
*Av: All right, mela ara ngħidx sew illi dawk huma kontijiet li kienu ġejjin minn kontijiet minn 402, Cannon road, Santa Venera*
*Xhud: Hekk hu, hekk hu nikkonferma".*

9. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-bilanċ dovut fuq il-kont li r-rikorrent kellu mas-soċjeta' intimata fuq Santa Venera ma setax jiġi ttrasferit għal fuq il-kont tal-Gżira mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti. Dan il-kunsens tar-rikorrenti ma jirriżultax fl-atti. Minn dokument RB 4, a folio 54 tal-proċess, kif ukoll mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta intimati, a folio 51 tal-proċess, jirriżulta illi sar trasferiment tal-ammont ta' elf disa' mija u ħmistax-il Ewro u dsatax-il ċenteżmu mill-kont tal-garaxx ta' Santa Venera (€1915.19c) għal fuq il-kont tal-fond fil-Gżira. Dan l-ammont jirriżulta minn Dok. RB4, a folio 54 tal-proċess.

10. Għas-suċitati raġunijiet din il-Qorti tiddikjara l-Ittra Ufficjali 1253/16 (a folio 27 tal-proċess) mibghuta lir-rikorrent a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala wahda infondata sa fejn din tirrigwarda l-ammont dovut fuq il-garaxx ta'

Santa Venera (u ċioe l-ammont ta' €1,915.19, a folio 54 tal-proċess, u dan għar-raġunijiet suesposti. B'hekk dan l-ammont ta' €1915.19 għandu jitnaqqas mill-ammont li jidher fuq il-kont attwali fl-ammont ta' €4,776.20 (a folio 38 tal-proċess, Dok. RB2) bil-bilanc rimanenti fuq il-fond tal-Gżira, u ċioe' fl-ammont ta' €2,861.01c.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tal-intimat rikorrenti billi tiddikjara t-talba tar-rikorrenti intimata ARMS Ltd. kif kontenuta fl-ittra ufficcjali numru 1253/16 ghall-ammont ta' €4,776.20 bhala nfondata fid-dritt u fil-fatt. Spejjez a karigu tar-rikorrenti intimata ARMS Ltd.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur